MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 265/2006

**Illum 27 ta’ Novembru 2006**

**App Nru 235/06 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Mifsud**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Mifsud, bin Coronato u Assunta nee` Vella, mwieled in-Nadur, Ghawdex, fid-29 ta’ April 1955 talli fis-16 ta’ Jannar 1996, ghal habta ta’ xi 6.00pm, fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq vettura ta’ l-ghamla Land Rover, bin-numru tar-registrazzjoni R-0989, laqat u xehet ma’ l-art lil Maria Conti, minn Victoria, Ghawdex, u

kkagunalha griehi ta’ natura gravi skond kif iccertifika it-tabib Dr Marvic Masini MD ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex, liema feriti gew segwiti bil-mewt;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-14 ta’ Gunju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Saviour Mifsud hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ hames mitt lira (Lm500), “konvertibbli fi tliet xhur prigunerija fin-nuqqas ta’ hlas zmien mhux aktar tard minn xahar mil-lum”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Saviour Mifsud, minnu prezentat fit-28 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta’ Settembru 2006; ikkunsidrat:

Dan hu appell li jirrigwarda incident awtomobilistiku fejn, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-provi huma veru ftit. Infatti jista’ jinghad li, apparti mill-iskizz maghmul mill-pulizja li mar fuq il-post tal-incident ftit wara li dan sehh (P.S. 755 Frank Gauci, fol. 54, 55; skizz fol. 64) l-unika prova ohra ta’ xi relevanza huma d-deposizzjonijiet tal-appellant minnu moghtija fil-kors ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere* (fol. 31 sa 43 tal-attijiet tal-istruttorja, 21 sa 33 tal-attijiet tal-*proces verbal*) u quddiem l-ewwel Qorti (fol. 122 sa 123). Huwa appena neccessarju jinghad li f’sitwazzjonijiet simili jassumu importanza partikolari wkoll il-post fejn gara l-incident bic-cirkostanzi konkomitanti ta’ hin, ambjent ecc.

Skond in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali tat-8 ta’ Marzu 2002, l-imputazzjoni hija dik ta’ omicidju <u>involontarju</u> – ir-referenza fl-imsemmija nota ghall-Artikolu 226 (oltre dik ghall-Artikolu 225) kienet totalment irrelevanti. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, wara li fissret id-dinamika tal-incident, irrimarkat li f’dan il-kaz ma kien hemm ebda prova ta’ xi velocita` eccessiva da parti tal-imputat, u li kien hemm ukoll element ta’ kontrobutorjeta` da parti tal-vittma li, flok ma qasmet, kif presumibbilment setghet facilment taghmel, minn fuq

strixxi pedonali li kien hemm f'postijiet ohra tul dik it-triq, ghazlet li taqsam it-triq minn post fejn ma kienx hemm dawn l-istrixxi u waqt li kienu ghaddejjin vetturi ohra fiz-zewg direzzjonijiet. Il-parti krucjali tas-sentenza tal-ewwel Qorti hija s-segwenti:

**"Issa ma hemmx dubbju li l-velocita` ta' l-imputat kienet wahda fern entro l-limiti konsentiti. Fic-cirkostanzi tal-kaz, pero`, is-sewqan tieghu kien negligenti kif d'altronde kien ukoll negligenti l-operat tas-snistrata fil-mod kif qasmet. L-imputat kien negligenti ghas-semplici fatt li ma zammx *a proper lookout* u ma ntebahx b'dak li vizibbilment huwa kien fid-dover li josserva. Ix-xiehda tieghu fuq dan il-punt hija ezawrjentement indikattiva ta' dan in-nuqqas tieghu. Ghalhekk, bl-attenwanti genereci tal-kaz huwa ghandu jinstab hati ta' l-akkuza riportata kontra tieghu. Huwa ferm inverosimili dak li stqarr l-imputat, u li din il-Qorti xejn ma ssib kredibbli, li s-sinistrata harget 'tigri'."**

L-aggravju ta' l-appellant huwa bazikament li l-fatti kif irrizultaw mill-provi ma setghu qatt iwasslu ghall-htija kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Huwa jikkontendi li dan kien kaz ta' emergenza subitanea imprevedibbli mahluqa mill-vittma b'mod li tirrendi kwalunkwe azzjoni evaziva impossibbli. Huwa jaghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, prezentata quddiem l-ewwel Qorti (fol. 132 *et seq.*) F'din in-nota huwa jaghmel referenza ghal diversi sentenzi, kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, u jishaq li (i) ma hemm ebda presunzjoni li l-htija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjar persuna, jew li minn qed jaqsam dejjem ghandu ragun, u (ii) li dan kien kaz fejn huwa tqieghed f'sitwazzjoni fejn ma setax jevita li jolqot lil Conti.

Jibda biex jinghad li din il-Qorti taqbel perfettament li ma hemm ebda presunzjoni, f'kaz li persuna tittajjar minn vettura waqt li tkun qed taqsam it-triq, li l-htija hija dejjem tas-sewwieq, u anqas ma hemm ebda presunzjoni li minn jittajjar dejjem ghandu ragun. In fatti, mhux l-ewwel darba li l-Qrati taghna, kemm dawk ta' Gustizzja Kriminali kif

ukoll dawk Civili, ezoneraw lis-sewwieq minn kull responsabbilta` ghax sabu li kienet il-persuna milquta jew imtajjra li effettivament tkun holqot sitwazzjoni ta' emergenza subitanea (u ghalhekk imprevedibbli) b'mod li s-sewwieq ikun tqieghed f'sitwazzjoni fejn ma seta jaghmel assolutament xejn biex jevita s-sinistru. F'kaz simili, huwa evidenti li hadd ma jista' jipponta mqar sebghu iz-zghir lejn is-sewwieq u jghidlu "inqast" jew "ma kontx prudenti kif suppost". Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei:

**"A noi sembra che pre comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per I terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregiudicati. Sorgono per tal modo delle *regole di condotta*. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno perocolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per I terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali. Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera il reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi**

**all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella *inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi*…la nota concettuale della colpa e` data dalla imprudenza o negligenza. Il suo carattere essenziale consiste, in altri termini, nella *inosservanza di precauzioni doverose*."** [1]

Fil-kaz in dizamina, huwa veru li Conti ma uzatx l-istrixxi pedonali. Dan il-fatt, pero`, ghalkemm jista' jaghti lok ghal negligenza kontributorja da parti tas-sinistrata, mhux neccessarjament jezonera lis-sewwieq. L-appellant jaghmel referenza, a propositu tal-uzu ta' tali strixxi, ghas-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-8 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony D'Amato**. Din il-Qorti, kif illum presjeduta, pero`, taghmilha cara li, jekk xi *dicta* <u>f'dik</u> is-sentenza jfissru, jew jistghu jigu nterpretati fis-sens, li persuna li ma tuzax l-istrixxi pedonali li jkunu ragjonevolment disponibbli hija dejjem responsabbli ghas-sinistru indipendentement mill-kondotta tas-sewwieq, tali proposizzjoni tammonta ghal proposizzjoni zbaljata tal-ligi. Huwa veru li n-negligenza tal-vittma tista', f'certi kazi, tkun il-kawza wahdanija tas-sinistru; izda f'kull kaz wiehed irid jara jekk kienx hemm negligenza <u>wkoll</u> da parti tas-sewwieq, bin-ness ta' kawza u effett, ghax jekk kien hemm, allura jkunu t-tnejn responsabbli, u l-piena, naturalment, tigi moderata.

Issa, f'dan il-kaz waqt li l-appellant kien niezel Triq Fortunato Mizzi – jinghad "niezel" ghax f'dik il-parti, meta wiehed ikun sejjer fid-direzzjoni opposta ghac-Cittadella, hemm pendil l-isfel tant li meta l-appellant xehed fl-10 ta' Novembru 2004 huwa jghid li l-karozza kien tefaghha "free" (fol. 122) – b'velocita` minima (skond hu ma kienx qed jaghmel aktar minn 10, 12-il mil fis-siegha [2]) Conti kienet qed taqsam mill-lemin tieghu biex tigi kwazi quddiem id-dar taghha fuq in-naha l-ohra tat-triq. Dan ifisser li hija kienet diga` qasmet il-karreggjata opposta

---

[1] **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale** Giuffre` (Milano) 1989, para. 133, pp. 322-323.

[2] Ghoxrin kilometru fis-siegha.

meta ntlaqtet. Issa, kien hemm kemm kien hemm traffiku, u anke jekk wiehed jiehu kont tal-hin tal-incident (6.00 p.m. fis-16 ta' Jannar), din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tistax tifhem kif l-appellant ma rax lil din il-mara almenu fuq il-lemin tieghu (jigifieri fin-nofs taz-zewg karreggjati, fejn hemm ix-*shading* biex proprju jissepara z-zewg karreggjati [3]) qed tipprova taqsam, izda raha biss meta din giet quddiemu. Wiehed ikun ghaddej tant bil-mod bhalma kien ghaddej l-appellant proprju biex ikun jista' jzomm *a proper lookout*, jew anzi ahjar, *a better lookout*. Mill-pjanta tal-Perit Vella a fol. 20 jidher li d-dawl tat-triq kien jiffunzjoni normalment, u ma ngabet ebda prova li kien hemm xi bozoz mitfija fil-jum tal-incident. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tarax li hu verosimili li mara anzjana ta' 75 tohrog "tigri" ghal quddiemu. Dwar din il-kwistjoni tal-giri, din il-Qorti tosserva li addirittura meta l-appellant xehed quddiem il-Magistrat li kien qed jikkonduci l-inkjesta dwar l-*in genere* fit-13 ta' Marzu 1997, huwa addirittura jghid li l-impatt sehh meta hu kien wieqaf u kienet il-mara li harget tigri u baqghet diehla, jigifieri tinstabat, fih (fol. 39, 40). Gustament l-ewwel Qorti, li allura kellha l-possibilita` li tapprezza l-komportament tal-appellant fuq il-pedana tax-xhieda meta dan rega' ddepona, kif inghad, fl-10 ta' Novembru 2004, ma tatx affidament lil din l-esposizzjoni tad-dinamika tal-incident, u minflok emfasizzat il-fatt li f'ebda hin huwa ma osserva lil Conti taqsam jew tipprova taqsam (fol. 123). U huwa proprju dan in-nuqqas tal-appellant – li kien qed ihares biss quddiemu meta bhala sewwieq prudenti kellu anke jiehu kont ta' dak li jkun ghaddej fil-gnub tal-karreggjata tieghu, aktar u aktar meta kien ghaddej bil-mod ghax kien hemm hafna traffiku.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

[3] Ara kemm l-iskizz tal-pulizija kif ukoll il-pjanta tal-A.I.C. Guido Vella, fol. 20.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------